***Ruling* mogħti mis-Sedja dwar talba għal *ruling* mill-Onor. Simon Busuttil fis-Seduta 142 tad-9 ta' Ottubru 2018 dwar kliem li ntqal fil-konfront tiegħu mill-Prim Ministru fl-istess seduta parlamentari**

Waqt is-Seduta Parlamentari 142 tat-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2018, minnufih wara l-ħin tal-mistoqsijiet u fil-ħin tal-mozzjonijiet, l-Onor Simon Busuttil talab lis-Sedja sabiex tagħti *ruling*. Nikkwota:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sinjura President, biex inkunu ċari, jien qed nitlob ruling mingħandek sabiex titlob lill-Prim Minsitru jiġi lura fil-Kamra ħalli jissostanzja l-kliem li qal fil-konfront tiegħi, li jien niċħad kategorikament. Jew jissostanzjah jew jirtirah minnufih. Nixtieq nitlob *ruling* f'dan is-sens mingħandek."

Hawnhekk is-Sedja informat lill-Kamra li:

> "**ID-DEPUTY SPEAKER:** Din it-talba s-Sedja qed tieħu nota tagħha u se tagħti r-*ruling in due course*."

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja għamlet referenza għall-Ordni Permanenti 60 u 61 li jgħidu hekk:

> **60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.
>
> **61.** Kull membru li jkun uża kliem oġġezzjonabbli u li ma jirtirax l-istess, jew ma joffrix apoloġija għall-użu tagħhom, għas-sodisfazzjoni tal-Kamra, għandu jiġi ċċensurat jew trattat xort'oħra, kif il-Kamra jidhrilha xieraq, u kull membru msejjaħ għall-ordni għandu joqgħod bil-qiegħda kemm-il darba ma jitħalliex jispjega ruħu.

Is-Sedja tinnota li filwaqt li parti mit-talba tal-Onor Busuttil ġiet eżawrita meta l-Prim Ministru reġa' lura fil-Kamra biex jissostanzja l-argumenti tiegħu, tinnota wkoll li fl-interventi tiegħu il-Prim Ministru rtira l-kliem li l-Onor. Busuttil seta' ħass li huwa offensiv u oġġezzjonabbli fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' dan is-Sedja qiegħda tikkonsidra li l-każ huwa magħluq u li dan ir-*ruling* li qiegħda tagħti s-Sedja għandu jkun suffiċjenti bħala rimedju fih innifsu.

Is-Sedja tinnota wkoll li waqt il-battibekki li kienu għaddejja, ingħad kliem miż-żewġ naħat tal-Kamra li jista' jitqies li mhux xieraq u li ma jirrispettax id-dinjità ta' Membru tal-Kamra. Is-Sedja qiegħda għalhekk terġa' tagħmel appell sinċier sabiex il-Membri juru rispett lejn xulxin għaliex wara kollox, nuqqas ta' rispett lejn Membru tal-Kamra jikkwalifika bħala nuqqas ta' rispett lejn l-Istituzzjoni tal-Parlament u wkoll lejn il-pubbliku Malti li llum isegwi bi ħġaru d-dibattiti parlamentari u jara l-mod kif ir-rappreżentanti tiegħu jkunu qed jippreżentaw l-argumenti tagħhom fil-Kamra.